MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2013

Numru. 1046/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs.**

**Andrew Martin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Andrew Martin**, ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, imwieled il-Pieta' nhar it-28 ta' Awwissu 1984, iben David u Alexandra neé Saliba u residenti numru 34, 'The Oasis', Flat No. 2, Telghet Birkirkara, San Giljan u detentur ta' l-Karta ta' l-Identita' bin-numru 0419284(M), akkuzat talli nhar it-03 ta' Settembru 2011 ghall-habta ta' saghtejn u nofs ta' filghodu (02.30hrs), fl-istabilliment bl-isem ta' 'Sabor', li jinsab fi Triq Wilga, Paceville, San Giljan:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Pierre Caruana, mill-Mellieha u dan skond kif iccertifika Dr. F. Azzopardi M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta;
2. talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

3. talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 imposti fuqu mill-Magistrat Dr. J. Padovani LL.D. nhar l-24 ta' Mejju 2011 meta nstab hati ta' feriti u hsara nvolontarji.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Pierre Caruana kif jidhrilha xieraq skont l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "A" – *a fol.* 5).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 4).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u lix-xhud prodott minnu.

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi, mill-provi akkwiziti, jirrizulta li Pierre Caruana u certu Alexia Azzopardi kellhom relazzjoni li spiccat. Irrizulta li fit-3 ta' Settembru 2011 Alexia Azzopardi kienet fi *club* bl-isem ta' Sabor f'Paceville li fih kien hemm ukoll l-imputat. Azzopardi u l-imputat kienu mal-*bar* tal-*club* imsemmi, f'liema hin gie Caruana li ried ikellem lil Azzopardi, spicca

qabadha minn ghonqha u mbaghad inqalghet kommozzjoni tant li numru ta' nies gew fl-idejn, bil-konsegwenza li Pierre Caruana u l-imputat spiccaw feruti.

Illi, minkejja li fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2012 (*a fol.* 91), kien sar kuntatt mill-konsulent legali ta' Pierre Caruana ma l-istess Pierre Caruana fejn dan kien infurmaha li kien ser ikun Malta fit-3 ta' Mejju 2012, u minkejja li Pierre Caruana gie notifikat biex jattendi ghas-seduta tas-7 ta' Mejju 2012, huwa xorta baqa' ma deherx, minkejja li kien notifikat, ghaldaqstant l-atti processwali ma jikkontenux id-depozizzjoni ta' Pierre Caruana. Ta' min jinnota li, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 92), l-Ufficjal Prosekutur informa l-Qorti li ma kienx qed jinsisti ghal produzzjoni tax-xhud Pierre Caruana.

**<u>L-Ewwel Imputazzjoni</u> <u>(Ferita ta' Natura Gravi)</u>**:
Illi jirrizulta mix-xiehda moghtija minn Dr. Fabrizia Azzopardi (*a fol.* 87 *et seq.*) u mic-certifikat rilaxxat minnha (*a fol.* 12) li Pierre Caruana kellu ferita kagunata fuqu. Qabel il-Qorti tidhol fil-kwistjoni jekk din kienitx effettivament wahda gravi jew le, il-Qorti ghandha tevalwa jekk din il-ferita gietx kagunata mill-imputat.

Illi, da parte taghha, Alexia Azzopardi xehdet kif Pierre Caruana kien ilu jibghatilha messaggi, sahansitra dak inhar tal-akkadut, biex ikellimha u li hu ried ikellimha bilfors u dana minkejja li hi ma rieditx tkellmu. Matthew Bonavia jixhed li ra lil Pierre Caruana jaqbad lil Alexia Azoppardi minn ghonqha (*a fol.* 83). Dan jixhduh ukoll Alexia Azzopardi (*a fol.* 60) u l-imputat (*a fol.* 100). Kemm Alexia Azzopardi (*a fol.* 55) u Matthew Bonavia (*a fol.* 84) jghidu li kien f'dan il-mument li Andrew Martin intervjena biex iwaqqaf lil Pierre Caruana minn dak li kien qed jaghmel fil-konfront ta' Alexia Azzopardi.

Illi, *da parte* tieghu, Jason Vella (habib ta' Pierre Caruana), xehed li huwa ma kienx jaf li Caruana kien qabad lil Alexia Azzopardi minn ghonqha (*a fol.* 32). Vella jispjega kif Caruana mar jaqbad id Alexia Azzopardi biex ikellimha (*a fol.* 28). Vella jispjega wkoll li: *"He [Andrew Martin] pushed him [Pierre Caruana] and then [Andrew*

*Martin] was kicking him [Pierre Caruana]"* (*a fol.* 16). Jghid ukoll: *"he [Andrew Martin] went and hit him [Pierre Caruana]"* (*a fol.* 34).

Illi Alexia Azzopardi tghid hekk: *"He [Pierre Caruana] came up to me, he grabbed me by the arm to turn me around and he told me I want to speak to you now. I told him no I don't want to. He came he grabbed me by the neck, when that happened, Andrew pushed him away. And he came to come back to hit him. He punched him. The minute he punched him like six guys appeared from nowhere and started beating him up"* (*a fol.* 55). Tispjega b'aktar carezza: *"Pierre punched Andrew and the minute Pierre punched Andrew six guys appeared and started beating him up"* (*a fol.* 55).

Illi Matthew Bonavia jispjega: *"Andrew obviously tried to get him off and took him off and fell into a crowd people"* (*a fol.* 84). Apparti l-fatt li Bonavia jixhed kif Caruana u l-imputat gew fl-idejn, meta mistoqsi jghid jekk xi hadd intervjeniex fil-glieda, wiegeb hekk: *"As I said there was a big fight within the club and I couldn't see anything. There was a big scuffle and I couldn't see what was going on. It was just a big fight within the club"* (*a fol.* 85). Da parte tieghu, l-imputat jispjega kif pprova jwaqqaf lil Pierre Caruana, wara li dan qabad lil Alexia Azzopardi minn ghonqha. Jispjega wkoll kif imbotta lil Pierre Caruana l-boghod minn Alexia Azzopardi u wara li gara hekk, Caruana mar tah daqqa ta' ponn go wiccu u b'konsegwenza ta' hekk jghid li: *"Jien ir-reaction tieghi immedjatament imbuttajtu bis-sahha kollha li ghandi u mbuttajtu u ersaqt mal-genb"* (*a fol.* 100). Jghid li wara li ghamel hekk marret Alexia Azzopardi fuqu u qaltlu li kellu d-demm ma' wiccu u mar il-*bathroom* tal-irgiel biex inehhi d-demm li kellu ma' wiccu.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad fuq, u b'mod partikolari mill-provi prodotti u mismugha, m'huwiex possibbli ghall-Qorti tasal ghall-konkluzjoni jekk kienx l-imputat li effettivament kkawza l-ferita fil-konfront ta' Pierre Caruana. Ta' min jinnota li Samuel Zerafa (*a fol.* 43 *et seq.*), Jan Flores (*a fol*. 49 *et seq.*), Kurt Azzopardi (*a fol.* 69 *et seq.*) u Dr.

Mark Hyzler (*a fol.* 105 *et seq.*) ma rawx kif spicca ferut Pierre Caruana. In segwitu ta' dan, il-Qorti mhijiex sejra tidhol fil-kwistjoni jekk il-ferita ta' Pierre Caruana kienitx wahda gravi jew hafifa.

Ghaldaqstant, m'ghandhiex tinstab htija fil-konfront tal-imputat ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tieni Imputazzjoni (Ksur ta' Bon Ordni)</u>**:
Illi mill-provi prodotti din l-imputazzjoni ma tirrizultax u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi liberat minnha wkoll.

**<u>It-Tielet Imputazzjoni (Ksur ta' Kundizzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446)</u>**:
Illi, apparti l-fatt li ma gietx ezebita s-sentenza li ssir riferenza ghaliha f'din l-imputazzjoni, tenut kont tal-fatt li l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) u mit-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, isegwi li l-imputat ghandu jigi liberat ukoll mit-tielet (3) imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------